MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 2303/2002

**SMS Insurance Agency Ltd bhala rappresentanti tas-socjeta` estera Ecclesiastical Insurance Office plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michelle Mangion**

**vs**

**Aquilina Costantino**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Settembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm525.29) danni komplessivi rizultanti minn incident awtomobilistiku li sehh fil-hamrun nhar it-18 ta' jannar, 2002, meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura EBY-540 habat mal-vettura FBB-132 misjuqa minn Michelle Mangion, ghal liema**

**incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**
**Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Settembru, 2002 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-24 ta' Gunju, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, qed jilqa' t-talba attrici, isib lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li sehh, u jikkundannha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm525.29) bl-imghaxijiet legali mit-3 ta' Settembru, 2002.**
L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Settembru, 2002 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenuta bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------